# 31. Il-Palma Tiegħi

Ja Palma tiegħi, fejn hu ż-żmien ta' żmienek?
Tiftakar ħi meta ġol-ġnien ħadrana,
bl-imriewaħ miftuħin jiżfnu fil-leqqa
u d-dawl tax-xemx

Bl-istefanotis abjad maz-zokk oħxon,
kont qisek il-fawwara li fil-għoli
tfawwar b'sura ta' warda u tinżel 'l isfel
qisha ċarċara!

Tiftakar Palma kemm sigħat għaddejna
inħarsu lejn xulxin hemm ġewwa l-masġar,
inti tiżfinli b'ħafna ġmiel u jiena
ngħannilek l-għana?

Xi sliem u serħ? xi ġmiel u xi sbuħija
kien dak iż-żmien! madwarna kollox jixgħel
bl-ilwien u d-dawl, u fuq kull xitla żgħira
kien hemm il-barka!

Waslet ukoll għalik sigħet il-qilla!
Kien nofsinhar; il-bikja tas-sireni
imliet is-sema u l-art, u f'daqqa waħda
ħass kullimkien;

Nar u damdim; twerdin ta' ajruplani
jissieltu ma' xulxin mgħibin fis-sema;
in-nies fil-qiegħ tal-kenn ħassew l-art taħthom
donnha sa ċċedi.

U kif ibbnazza ftit, tiġrif u ħerba
dehru fil-ġnien: ġebel maħruq u mġarraf,
għejjun imxerrda, u lanqas biss ħamrija
ġewwa l-ħammieli.

U minnek ma fadalx ħlief zokk imqaċċat;
xuxtek imwaddba l-bogħod fuq xatt il-baħar
qiegħda tisfar bil-mod, sakemm għal kollox
tinxef u tmut.

U meta fil-għaxija smajt l-għasfura
titbekka l-bejta qalb il-friegħi tiegħek,
jien bkejt ukoll, u qgħadt fis-skiet inħażżeż
għanjet il-mewt.

Ja Palma tiegħi, saħta u mewt ikollu
min qered dan il-ġmiel! hekk ġewwa qabru
jitloblu dak li serqek minn ġol-Masri
u ħawlek hawn!